MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-3 ta' April, 2014

Numru. 1053/2007

**Il-Pulizija**

**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Joseph Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Aquilina detentur tal-karta tal-identita` numru 243556(M).

Akkuzat talli:

F’Gunju 2002 u fix-xhur ta’ qabel, fl-Imsida u f’postijiet ohra f’dawn il-Gzejjer xjentement ghamel uzu minn att jew atti jew skrittura/i foloz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmijin fl-artikolu 185 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ai termini tal-artikolu 186 tal-Kodici Kriminal, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu tal-artikolu 121A(1) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, sew xjentement jew bi traskuragni, ghamel xi dikjarazzjoni falza f’xi partikolarita’ sostanzjali f’xi prospett, talba jew dokument iehor mehtieg jew awtorizzat li jsir b’l-Att jew taht l-Att dwar l-Awortita’ Marittima ta’ Malta, ai terminu tal-artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-piena stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll li l-imputat ikun skwalifikat milli jkollu licenzja tal-bahar (nautical licence) ghal dak iz-zmien illi l-Qorti jidhrilha xieraq.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti;

Fl-ahhar nett il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 53 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-fedina tal-imputat li hija kwazi netta;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f’serje ta’ proceduri li gew istitwiti mill-Pulizija stante li kien hemm allegazzjonijiet illi xi licenzji marittimi gew misjuba b’xi illegalitajiet fihom.

Illi t-tezi tal-prosekuzzjoni hija fis-sens illi gialadarba l-imputat ottjena il-licenzja marittima tieghu billi hallas persuna li avvicinatu u li kienet qaltlu li kienet ser tghinu sabiex jottjeni din il-licenzja u stante li l-imputat ma ghamilx il-kors relattiv; xi haga li hi necessarja ghall hrug ta’ tali licenzja; dan kollu allura jiggustifika l-akkuzi kif dedotti kontra l-imputat.

Il-Qorti semghet ix-xhieda ta’ Sharon Micallef bhala rapprezentanta tal-Malta Maritime Authority li kkonfermat illi l-*File Record Sheet* a fol 15 u l-applikazzjoni a fol 16 tal-process huma dokumenti genwini. Fil-fatt hi qalet, li l-imputat inghata in-numru tal-licenzja nawtika 1533.

Il-Qorti semghet ukoll ix-xhieda ta’ Melissa Zarb ghan-nom tal-MCAST li kkonfermat illi l-imputat qatt ma attenda kors hemmhekk sabiex ikun jista’ jottjeni l-licenzja nawtika u n-numru li hemm fuq ic-certifikat a fol 17 tal-process, li jghajjat lill-imputat kien fil-fatt jghajjat lil certu Joseph Delceppo.

Ikkunsidrat illi l-imputat huwa akkuzat taht l-Artikoli 121A(1) tal-Kap 9 li tittratta dwar weghdi ta’ flus jew vantaggi lill-terzi persuni ohra sabiex l-imputat jakkwista xi vantaggi li m’humiex xierqa; taht l-Artikolu 184 li jittratta dwar li xjentement ghamel uzu ta’ dokument li kien jaf li kien falz, taht l-Artikolu 186 li jittratta dwar li xjentement ghamel uzu minn dokument imsemmi fl-Artikolu 185

tal-Kap 9, taht l-Artikolu 188 li ghamel dikjarazzjoni falza, u taht l-Artikolu 76 tal-Kap 352 li ukoll ghamel dikjarazzjoni falza.

Illi huwa fatt illi kulhadd ghandu jaf il-ligi x'inhi izda meta johrog car anke mill-istqarrija tal-imputat, illi il-kliem ma' dik it-terza persuna kien fis-sens illi dan kellu jaghmel dak kollox necesssarju sabiex igiblu l-licenzja u dan ghal prezz ta' LM70. L-imputat jghid sija fl-istqarrija kif ukoll bil-gurament quddiem din il-Qorti illi huwa qatt ma mar ghaliha l-licenzja ghaliex wara illi xi hadd fetahlu ghajnejh, dan cempel lil dik il-persuna li ghenitu ghal-licenzja illi ma kienx riedha izjed u illi ma kienx ser ihallas il-flus. Din kienet dejjem it-tezi tal-imputat mill-bidu. Huwa qatt ma nnega illi kien jaf li kien qed jaghmel hazin li ma kienx ser jaghmel il-kors biex tohroglu l-licenzja u li kien ser ihallas il-flus lil din it-terza persuna, izda huwa minn dejjem innega li fil-fatt gabarha.

Il-Qorti thoss illi, filwaqt li temmen il-verzjoni tal-imputat li qatt ma mar jigbor il-licenzja, temmen ukoll li f'xi mument zgur li kien hemm xi hadd mill-MMA illi ghalaq ghajn wahda sabiex tigi mahruga din il-licenzja. Fil-fatt l-imputat minn dejjem qal illi huwa ffirma mill-bidu xi ftit dokumenti li ma kienx jaf liema huma izda li wara gew ipprezentati mill-ufficjal prosekutur li dawn id-dokumenti kienu jgibu il-firma tal-istess imputat.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 121A, 184, 185, 186, 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 76 tal-Kap 352 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Joseph Aquilina** hati biss tat-tielet (3), ir-raba (4) u l-hames (5) akkuzi stante li gew ippruvati u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundannah ghal disa' (9) xhur prigunerija sospizi ghal sena (1) u tilliberah mill-kumplament tal-akkuzi stante li ma gewx ippruvati.

Il-Qorti qeghda wkoll tissospendi l-hrug ta' xi licenzja nawtika b'isem l-imputat u dan ghal zmien sena millum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------